MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 124/2005

Kawza fil-lista: 25

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati b' digrieti tal-11 ta' Mejju 2005 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil minuri D, E F G H u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici zzewget lill-konvenut **E F**a **G H** fis-26 ta' Marzu, 2004 (Dok. A)

Premess illi qabel iz-zwieg imsemmi l-attrici kienet tqila u fil-fatt weldet it-tarbija **D** fis-27 ta' Settembru, 2004 (Dok. B)

Peress illi l-imsemmi tarbija twieled waqt iz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut **E F G H**, it-tarbija giet registrata bhala l-wild naturali tal-istess konvenut, minkejja li din it-tarbija m' hijiex il-wild naturali tieghu.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onor. Qorti m'ghandiex tiddikjara li:

1. Iben l-attrici **D** li twieled fis-27 ta' Settembru 2004, m' huwiex l-wild naturali tal-konvenut **E F G H**.

2. Prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarju skond il-Ligi, tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tnehhi l-konnotati kollha ta' **E F G H** mill-Att tat-Twelid tal-minuri **D** u jissostitwiehom bil-kliem "missier mhux maghruf".

Bl-ispejjez, ilkoll kontra l-konvenuti, li huma minn issa stess ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha rrimetta ruhu ghar-rizultat tat-testijiet xjentifici, u oppona ghall-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li huma m' humiex edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat l-Avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fit-terminmi ta' l-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li t-tifel taghha **D** li

twieled fit-27 ta' Settembru 2004, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut **E F G H** kif erroneament indikat fl-Att tat-Twelid tal-minuri; u talbet il-korrezzjoni relattiva.

Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata jekk din tipprova li fil-perijodu indikat fl-istess Artikolu r-ragel kien "fl-impossibilita' fisika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha".

F' dan l-istadju u b' referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f' kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77 , il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza *PA[PS]* ***B****a Zammit vs Carmelo Zammit et noe deciza fit-28 ta' Frar 2003*.

Mill-provi jirrizulta pacifiku li fis-26 ta' Marzu 2004 l-attrici zzewwget lill-konvenut **E F**, u fis-27 ta' Settembru 2004 hija weldet lil **D**. L-attrici tispjega li fiz-zmien li hija kienet gharusa lill-imsemmi **E F** hija kienet ukoll tiffrekwenta lil certu Stephen Cutajar li mieghu kien ikollha relazzjonijiet intimi; filwaqt li qabel iz-zwieg hija ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma' **E F**. Ftit qabel iz-zwieg, l-attrici ndunat li kienet harget tqila minn Stephen Cutajar li pero' ma riedx jizzewwigha. Ghalhekk hija ddecidiet li tkompli bil-pj**B**ijiet taghha li tizzewweg lil **E F**. Fil-fatt hija izzewwget lil dan u kienet informatu bit-tqala wara z-zwieg.

Illi ghalhekk l-attrici ssostni li l-konvenut Adeh **F** mhuwiex missier it-tarbija.

Illi rizultat ta' testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuni ta' l-attrici, tal-minuri **D** u ta' Stephen Cutajar , jikkonferma t-tesi attrici li t-tifel **D** mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut **E F**; u ghalhekk tinsab esklusa b' certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri;

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri **D** li twieled fis-27 ta’ Settembru 2004, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut **E F G H**; u konsegwenzjalment tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid [3260/2004] ta’ l-imsemmi minuri billi jitnehhew l-isem u l-konnotati tal-konvenut **E F G H**, u minflok jitnizzlu l-kliem “missier mhux maghruf”.

L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------